# L-IRXOXT TAL-GZIRA

GUZI BUONTEMPO

Certu Mikiel Buontempo minn Bormla, kattoliku kollu hrara li kien mar joqghod f'Rahal Gdid fl-ahhar gwerra, kien jattendi kuljum ghall-quddies fil-knisja ta' Kristu Re, li kiener ghadha mhix kompluta. Billi ra li fil-knisja ma kellhomx hlief il-vara tad-Duluri, Mikiel ried li jaghmel xi hag'ohra devota, u minn flusu ordna l-istatwa tar-Redentur (Kristu mghobbi bis-salib) minn ghand l-istatwarju Toni Farrugia mill-Birgu, li kien joqghod ir-Rahal Gdid ukoll. Wara xi zmien (c1958), kienet lesta u ntoghgbot hafna, izda meta Mikiel kellem lill-kappillan Xuereb, u qallu li kien ghamel statwa tar-Redentur ghall-knisja, dan wiegbu "Mikiel, taf li fil-knisja m'ghandniex fejn inpogguh, izda biex nikkuntentak gibha u hhalluha fil-knisja bla nicca". Hekk sar, u mal bradella twahhlet pjanca tar-ramm li tghid li l-istatwa saret bi flus Mikiel Buontempo.

Ir-Redentur irnexxa, id-devoti bdew dejjem jizdiedu, u dejjem b'hafna xemgha. Bil-bews tad-devoti spiccaw biex kisrulu subajh ta' sieau x-xellugija; wahda devota darba marret tbus dan is-seba mxaqqaq, u malli missetu b'xuftejha tghawweg, u din bdiet tghajjat ghax hasbet li r-redentur sar tal-laham!

Ir-Redentur, ta' kull sena, kien johrog fil-provessjoni tal-Gimgha l-Kbira flimkien ma' l-istatwa tad-Duluri biss.

Zmien wara, Mikiel haseb, li kif ghamel Kristu jbati taht is-Salib, kien xieraq li issa jaghmel lil -Kristu trijonfanti u glorjuz, u ghalhekk ordna minn ghand l-istess statwarju Toni Farrugia l-istatwa ta' Kristu Rxoxt, izda did-darba bi spejjez ibnu Amadea. Billi Mikiel kien minn Bormla, riedu bhal dak ta' Bormla u kien gej u sejjer ghand l-istatwarju biex jara li

xewqtu ssehh. Meta l-istatwa kienet lesta, Mikiel u ibnu Amadeo marru ghand il-kappillan, u qalulu li ghamlu statwa ta' Kristu Rxoxt sabih hafna, ecc..ecc.; qalulu wkoll li f'Rahal Gdid kien jixraq li jkunhemm festa popolari bhalma hemm postijiet ohrajn. Izda din id-darba wehilna. Il-kappillan qalilhom: "Mikiel, taf tajjeb li fil-kniasja m'ghandniex post fejn nghamluh ghax kuljum tigi l-knisja...." Fi ftit kliem il-kappillan ma accettahx. Din l-istorja xterdet mar-Rahal Gdid kollu, u min jghid haga u min jghid ohra, pero' l-maggoranza tal-poplu ried l-istatwa ta' l-Irxoxt. Madankollu ghaddiet tal-kappillan, u Kristu Rxoxt la mar hemm u l-anqas hawn.

Zmien wara, dhalt fl-istorja jien, iben il-kbir ta' Mikiel, li ghalkemm kelli sppizerija f'Rahal Gdid, noqghod il-Gzira. Staqsejt lill-kappillan tal-Gzira, Dun Pawl Galea, jekk dan l-imbierek Rxoxt iridux. Dun Pawl accettah bil-ferh u minghajr tlaqlieq, u qalli "Guz, gibu u naraw fejn inpogguh" Ghalhekk hallast ghall-Irxixt minn buti, u fl-ahhar sab knisja li riditu, u wasal il-Gzira qawwi u shih.

Ghall-ewwel tliet snin li wasal, kienu johorguh processjon-alment fl-10 am, izda wara, ghal xi raguni jew ohra, bdew johor-guh fil-knisja biss(forsi ghax ma kienx ghad hemm certu entuz-jazmu). Izda wara dan iz-zmien kollu, xi dilettanti miml-ijin hegga, talbu lill-kappillan il-Kan.Jos,Theuma, biex jerga' jibda johrog il-processjoni ta' Kristu Rxoxt, ghax qalu li dnub statwa bhal dik ma tohrogx fl-Ghid. Il-kappillan accetta, u l-festa rnexxiet.

Is-sena ta' wara, il-bicca sahnet aktar u specjalment bl-inizjattiva ta' Ch.Spiteri, Pantalleresco u ohrajn, il-festa giet organizzata aktar bil-kbir, twahhlu l-arbli bil-bnadar fuq iz-zuntier, twahhlu posters bir-ritratt ta' l-istatwa mal-Gzira kollha, u meta wasal Hadd il-Ghid filghodu, ingabret folla kbira ta' nies quddiem il-knisja. Bdiet hierga l-processjoni, u meta

l-Irxoxt tfacca fil-bieb, kulhadd beda jcapcap ferhan, fost daqq ta' qniepen, musketterija, daqq ta' marci brijuzi mill-Banda Mount Carmel tal-Gzira. Il-processjoni ghaddiet mit-toroq principali tal Gzira fost il-ferh ta' kulhadd. Ir-reffiegha tal-vara u l-bandisti kienu mistednin ghall-bibita fil-kazin. Meta l-processjoni waslet Stuart Street, kienhemm folol jistennew biex jarawh ghaddej, ghax hemm l-Irxoxt ghamel l-ewwel girja fost ghajjar u capcip tal-folla u l-marci tal-banda u xita ta' karti kuluriti. Wara waqfa qasira tawh girja ohra sa hdejn il-knisja fost dimostrazzjoni ta' ferh, daqq tal-qniepen u capcip.

Meta f'Rahal Gdid fil-knisja ta' Kristu Re tlestew il-cari tal-Gimgha l-Kbira kollha, maghmulin minn Toni Farrugia stess ftakru fl-irxoxt li l-kappillan ma kienx ried jaccetta, marru jistaqsu ghalih, izda qalulhom li qieghed il-Gzira. Marru jitolbuh lill-kappillan tal-Gzira, izda qalilhom "Ma tarawx, statwa sabiha bhal dik, nisabu ferhanin hafna biha!" Fi ftit kliem qalilhom LE.

Gara li matul is-sena, xi hadd deherlu li ghandu jaqtaghlu l-qabar minn tahtu, li kien jidher tant sabih bi Kristu hiereg mill-qabar...b'hekk l-istatwa mhux biss tilfet mill-aspett artistiku taghha originali, izda wkoll tilfet bosta mis-sahha taghha.

Minhabba f'hekk, meta s-sena ta' wara harget processjoni, bl-iskossi tal-girjiet, l-istatwa xxaqqat u garrbet hafna hsara. Fl-ahhar sena li harget, gerrewh ukoll, izda bl-attenzjoni, ghax in-nies baqghu iridu l-festa ta' l-Irxoxt. Intant, billi kienhemm bzonn ta' hafna spejjez biex tissewwa, saru bosta diskussjonijiet u ddegidew li ssir statwa gdida. Hekk sar, u l-festa baqghet issir.

X'sar mill-ewwel Irxixt? Ir-raggiera ta' rasu toqghod tajba fir-ras ta' l-Irxoxt il-gdid. Il-palma li kellu f'idejh, ghall-mument qeghda ghandi, izda l-istatwa ma nafux x'sar minnha. Smajt li ghall-mument qeghda fil-parrocca ta' Wied il-Ghajn.